

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Settembru 2013 (Każ R 299/2013-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal li jirrappreżenta żewġ linji u ħames stilel bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tat-3 ta' Settembru 2013 (Każ R 299/2013-2), hija annullata, sa fejn tiċħad l-appell ta' Unibail Management għall-prodotti u għas-servizzi fil-klassijiet 16, 35, 36, 38, 41 u 42.*
- 2) *L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 52, 22.02.2014.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Lulju 2014 – The Directv Group vs UASI

(Kawża T-722/13) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Talba għal revoka — Irtirar tat-talba għal revoka — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2014/C 361/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: The Directv Group, Inc. (El Segundo, l-Istati Uniti) (rappreżentant: F. Valentin, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Bolloré (Ergué Gabéric, Franza) (rappreżentant: S. Legrand, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Ottubru 2013 (Każ R 1960/2012-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bolloré u The Directv Group, Inc.

Dispożittiv

- 1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*
- 2) *Ir-rikorrenti hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mill-konvenut u mill-intervenjenti.*

⁽¹⁾ ĠU C 112, 14. 04. 2014.